KULLEĠĠ
SAN INJAZJU

Ċentru Amministrattiv
Pjazza Federico Maempel
Ħal Qormi QRM 1515

Tel : 2598 7500
Imejl: stignatius.college@ilearn.mt

Nitgħallmu u Nikbru Flimkien
Learning and Growing Together

ST IGNATIUS
COLLEGE

Administration Centre
Federico Maempel Square
Qormi QRM 1515

Tel : 2598 7500
E-mail: stignatius.college@ilearn.mt

Għeżież Ġenituri,

25 ta' Frar 2017

Kif diġà bdejna navżawkom f'diversi okkażjonijiet fejn niltaqgħu magħkom, din is-sena l-Kulleġġ San Injazju ħaseb li jtella' t-Tielet Edizzjoni tal-Wirja tal-Arti mill-istudenti bl-għajnuna professjonali tal-għalliema tal-Arti li għandna fil-Kulleġġ.

Bi pjaċir u apprezzament kbir inħabbar li din l-inizjattiva qed terġa' tiġi sponsorjata mill-Bank HSBC bħala parti mill-kampanja tiegħu, HSBC Water Programme, 'Catch the Drop'. Fil-fatt it-tema tal-wirja ser tkun l-ILMA fis-sens wiesa' tiegħu. Żgur li mingħajr din l-għajnuna ma konniex nistgħu nkopru l-ispejjeż involuti.

Ix-xogħlijiet tal-istudenti magħżula għall-wirja ser ikunu qed jinbiegħu b' "Silent Auction". Kull min iżur il-wirja bejn it-13 u l-27 ta' Marzu 2017, jista' jimla l-formola li ser ikun hemm fis-sala tal-wirja u jikteb fiha kemm lest li jagħti bħala donazzjoni 'l fuq minn 20 Ewro. Dawn il-formoli jitpoġġew ġo kaxxa apposta li ser tkun fis-sala tal-wirja ukoll. Jista' ukoll wieħed jaċċessa din il-link http://sicprojects.skola.edu.mt u jagħmel il-bid tiegħu online. **Id-donazzjonijiet kollha ser jingħataw lill-Community Chest Fund.** Fl-għeluq tal-wirja din il-kaxxa tinfetaħ. Kumitat magħmul apposta jiftaħ l-formoli biex jara kemm ikunu nġabru donazzjonijiet u jinforma lil kull min ikun għamel l-ogħla donazzjoni biex jiġbor il-biċċa xogħol li jkun għażel.

Inħeġġeġ lill-ġenituri kollha, l-familji u l-ħbieb tagħkom biex iżuru din il-wirja bix-xogħlijiet tal-istudenti tal-Kulleġġ San Injazju. Inħeġġiġkom ukoll tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom fuq il-biċċiet tal-arti li tixtiequ li jkunu tagħkom. Infakkarkom li l-flus kollha ser imorru għal għan nobbli ta' solidarjetà.

**DATI TAL-WIRJA: Mit-13 sas-27 ta' MARZU 2017**

**POST: il-Foyer tal-Bini tal-Parlament, IL-BELT VALLETTA**

**ĦINIJIET: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm u s-Sibt u l-Ħadd mid-9.30am san-12.30pm**

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja bil-quddiem lil kull min qed jagħti sehmu biex din il-wirja tirnexxi. Nistennew li narawkom.

Grazzi u Tislijiet

**Maria Pace,**
**Prinċipal tal-Kulleġġ San Injazju**

CATCH THE DROP

Water Programme | HSBC

KULLEĠĠ
SAN INJAZJU

Ċentru Amministrattiv
Pjazza Federico Maempel
Ħal Qormi  QRM 1515

Tel : 2598 7500
Imejl: stignatius.college@ilearn.mt

Nitgħallmu u Nikbru Flimkien
Learning and Growing Together

ST IGNATIUS
COLLEGE

Administration Centre
Federico Maempel Square
Qormi  QRM 1515

Tel : 2598 7500
E-mail: stignatius.college@ilearn.mt